# Q O R T I  C I V I L I

## (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion

**Illum 31 ta' Ottubru 2018**

Rikors Guramentat Nru. 57/2006 RGM

Kawza fil-lista: 5

**A B**

**Vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU.**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur li permezz tieghu talab lill-Qorti (1) tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet esklussivament attribwibbli lill-konvenuta u senjatament sevizzi, eccessi, ingurji gravi fil-konfront tal-attur, u in sub-ordine ghaliex iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment; (2) tawtorizza lill-attur jghix separatament mill-konvenuta martu; (3) tapplika kontra l-konvenuta l-effetti u l-penalitajiet stabbiliti fl-Artikolu 48 u 51 tal-Kapo. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; (4) tillikwida u tiddikjara

xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti; (5) tillikwida, tiddividi u tassenja l-assi tal-istess komunjoni tal-akkwisti lill-kontendenti f'dak il-proporzjon u b'dawk il-modalitajiet li jigu stabbiliti mill-Qorti; (6) tordna lill-konvenuta tirrifondi lill-attur s-sehem tieghu mir-rikavat tal-fond Flat 6, Qasam ta' Ganza, Blokk J, Zejtun, liema fond kien id-dar matrimonjali tal-kontendenti li nbiegh fiz-zwieg, u li minnu l-attur ma hax sehmu; (7) tawtorizza lill-attur jirregistra s-sentenza fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata u l-kontro talba tal-konvenuta li permezz taghha talbet lill-Qorti (1) tiddikjara u tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet u tortijiet imputabbli solament lill-attur rikonvenzjonat; (2) tawtorizza lill-konvenuta tghix separatament mill-attur rikonvenzjonat; (3) tapplika kontra l-attur l-effetti u l-penalitajiet stabbiliti fl-artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16; (4) tillikwida u tiddikjara xolt l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet; (5) tillikwida, tiddividi u tassenja l-assi li jikkonsistu attwalmet l-komunjoni tal-akkwisti f'dawk il-proporzjon u b'dawk il-modalitajiet li jigu stabbiliti minn din il-Qorti; (6) tikkundanna lill-attur sabiex jirrestitwixxi l-proprjeta' parafernali tal-konvenuta u fin-nuqqas tikkundannah jhallas somma li tigi likwidata rapprezentanti l-istess proprjeta' parafernali.

Ezaminat il-provi kollha mressqa mill-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet prezentati mill-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Dawn il-proceduri jirrigwardaw talba ghal separazzjoni li ghaliha l-konvenuta filwaqt li kkontestat resqet kontro-talba.

**PROVI**.

L-attur jallega illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta. Fil-kors tat-testimonjanza tieghu huwa jirrakkonta kif martu kienet ghal perijodu twil ta' zmien titrattah hazin. Xhed illi ghalkemm kien jahdem full-time u kellu paga huwa kien jghix hajja mizera ghaliex martu kienet tohodlu l-paga kollha u thallilu ftit flus f'idejh. Jispjega illi ghalkemm kienet tohodlu l-paga kollha ma kenitx issajjarlu jew tixtrilu l-htigijiet tieghu tant illi kien ikun nieqes mill-ikel u bi hwejjeg mizeri fuqu. Xhed illi martu kienet dawret kontrih liz-zewg uliedu li llum huma maggorenni. Spjega illi mhux l-ewwel darba li wara xi glieda bejn il-partijiet martu kienet tkeccieh mid-dar u kien jispicca jaghmel parijodu jghix barra mid-dar.

Fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti xhed li f'xi zmien kienu joqghodu gewwa proprjeta' taghhom fiz-Zejtun. Jghid li l-konvenuta bdiet tinsisti mieghu li riedet tmur toqghod vicin hutha gewwa Haz-Zabbar u kien ghalhekk illi bieghu id-dar taz-Zejtu, skond l-attur bil-hsieb li bir-rikavat jixtru proprjeta' gewwa Haz-Zabbar. Gara pero' illi meta inbiegh il-fond taz-Zejtun ir-rikavat inzamm kollu mill-konvenuta. L-attur jghid illi waqt li kienet ghaddejja din il-kawza ta' separazzjoni u ad insaputa tieghu u minn wara daru l-konvenuta uzat ir-rikavat sabiex inxtrat proprjeta' gewwa Haz-Zabbar b'dan illi fuq il-kuntratt dehru it-tfal tal-partijiet. L-attur jallega li dan kollu sar minghajr il-kunsens tieghu u bl-iskop li jigi mcahhad sew mir-rikavat tal-bejgh tal-fond gewwa z-Zejtun kif ukoll mill-proprjeta' immobiljari li inxtrat bl-istess rikavat. Spjega kif il-fond fiz-Zejtun inbiegh ghas-somma ta' sitta u ghoxrien elf lira Maltin (Lm26,000) ekwivalenti ghal circa sittin elf u hames mitt ewro (€60,500). Spjega illi wara li skopra dak li sehh huwa fetah kawza fejn fi kliemu"attakka l-kuntratt li bih uliedu xtraw il-post" f'Haz Zabbar. Dik il-kawza ghadha pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

In kontro-ezami l-attur xhed illi "Nikkonferma li l-post li sar trasferiment tieghu lit-tfal tieghi, l-kuntrattt sar quddiem in-Nutar Bisazza. Jiena ma kontx prezenti ghax il-konvenuta qaltli li ma kienx hemm ghalfejn. Le, mistoqsi jiena ma tajtx prokuri. Nikkonferma li kont naf li ser isir il-kuntratt......Le ma opponejtx u ma mortx ghax il-konvenuta qaltli li m'ghandix bzonn." Sussegwentement fl-istess kontro-ezami ibiddel il-verzjoni u jghid li ma kienx jaf ghalfejn martu u uliedu

kienu sejrin ghand in-Nutar. Jikkonferma pero' li wara li inxtara l-post taz-Zejtun f'isem it-tfal mar jirrisjedi fih flimkien ma' martu u uliedu, "Minn filghodu sa filghaxija dejjem niggieldu, kemm meta konna noqghodu Haz-Zabbar u anke z-Zejtun."

Il-konvenuta mill-banda l-ohra tichad dak kollu li l-attur jallega fil-konfront taghha. Takkuza lill-attur illi huwa ma kienx fidil lejha u kien ikkommetta adulterju. Tghid illi dan hu konfermat mill-fatt illi huwa jirrisjedi flimkien mas-siehba tieghu. Xhedet illi huwa minnu li l-affarijiet tal-familja kienet tiehu hsiebhom kollha hi pero' dan kien minhabba l-fatt li zewgha ma kienx juri interess. Tghid illi mhux minnu li l-attur telaq mid-dar minhabba l-agir taghha izda ghaliex ried imur jghix ma' mara ohra. Spjegat illi huwa minnu li kienet tirrifjuta li jkollha relazzjonijiet intimi mieghu izda dan kien minn wara li qabditu li kellu relazzjoni adultera. Xhedet illi wara li skopriet l-adulterju ta' zewgha hija ma pproceditx ghas-separazzjoni minhabba t-tfal. Tghid illi mhux minnu li kecciet lil zewgha mid-dar izda kien l-attur li telaq minn jeddu sabiex jibda jirrisjedi mas-siehba tieghu kif fil-fatt ghadu sallum.

Dwar il-bejgh u xiri tal-proprjeta' immobiljari xhedet illi l-post taz-Zejtun kien inxtara kollu minn flus li hija kienet irceviet minghand missierha peress li flus il-partijiet ma kellhomx u missierha offra li johrog il-flus kollha hu peress li kien prezz tajjeb. Kien post li kienu qed jikru minghand il-Gvern u inxtara bi prezz sussidjat. Xhedet illi l-fond ta' Haz-Zabbar inxtara fuq isem it-tfal bil-kunsens tal-attur. Tghid li tant dan hu minnu li fil-fatt wara li l-post ta' Haz-Zabbar inxtara l-attur mar jghix fih flimkien ma' martu u uliedu.

Xhedet illi l-attur kien wiret flus li pero' ma intuzawx biex inxtara l-fond ta' Haz-Zabbar peress li skond il-konvenuta l-attur kien berbaq kollox.

Dwar id-dar taz-Zejtun il-konvenuta xhedet illi "...din saret taghna ghax kienet bil-kera, missieri hajjarni nixtriha ghax bi ftit flus. Ghidtlu li m'ghandiex biex nixtriha u qalli li kien ser jixtrihilna hu. Xtrajniha ahna f'isimna t-tnejn. Ma hrigniex flus ghax dak iz-zmien ir-ragel ma kienx jahdem.......Nikkonferma li l-

valur tal-post taz-Zejtun kien Lm3,000 kien irhis u b'hekk missieri heggigna biex nixtruh. Dan il-post kien tal-Gvern u ghaliex ahna hrigna minnu qabel ghaxar snin kellna nhallsu s-sussidju lill-Gvern. Konna mizzewgin iva meta nxtara l-post. Missieri ilu mejjet hames snin. L-idea li jinbiegh il-post taz-Zejtun kienet tieghi ghax jien dejjem xtaqt immur noqghod Haz-Zabbar. Paro' xtrahuli missieri. Li ghamilna kien bi qbil, jigifieri li nbieghu l-post taz-Zejtun. Kont nghidlu x'nghidlu dejjem qabel mieghi ghax ma kienx responsabbli. Kien jghidli "Ghamel int".

Apparti x-xhieda kontrastanti tal-partijiet fir-rigward; hemm ukoll ix-xhieda ta' ulied il-partijiet.

Iben il-partijiet, **B** xhed illi "L-idea li nixtru post kienet tan-nannu ghax meta nbiegh il-post taz-Zejtun in-nannu qal li l-flus jintefqu fuqi w ohti. Missieri jaf ghax hekk kien il-kliem. ................................. Dam joqghod maghna Haz-Zabbar missierna xi sentejn jew tlieta......."

Bint il-partijiet, **B,** xhedet kif gej:- "....missieri kien jaf li dan il-post kien taghna ghax meta bieghu l-post taz-Zejtun il-mummy qaltli li l-flus ser ituhom lilna biex nixtru post peress li l-post kien taghulna missierha. Kont presenti meta smajt dawn il-kliem t'ommi. Kien qabel missieri ghax iffirma. Dawk il-kliem ommi qalithom kemm qabel il-bejgh kemm wara l-bejgh u l-papa' qabel."

Ikkunsidrat,

**Tkissir taz-Zwieg**.

Il-Qorti tosserva illi filwaqt li l-konvenuta rikonvenzjonanti takkuza lill-attur rikonvenzjonat illi z-zwieg tkisser fost l-ohrajn minhabba l-adulterju tal-attur, tant illi tindika l-adulterju fil-kawzali taghha fl-azzjoni rikonvenzjonali, l-attur dan ma jikkontestahx la fir-risposta guramentata tieghu ghat-talbiet rikonvenzjonali (fol. 46) u lanqas fix-xhieda tieghu moghtija b'affidavit (fol 25). Min-naha taghha l-konvenuta takkuza lill-attur illi huwa kellu relazzjoni adultera ma' certu Mary Rose u li sal-prezent huwa kien jikkoabita flimkien ma' mara ohra. Dawn l-

allegazzjonijiet l-attur rikonvenzjonat ma jikkontesthomx. Minflok jixhed dwar l-agir li huwa jsejjah "krudili" da parti tal-konvenuta fil-konfront tieghu b'rakkonti dwar il-mod hazin kif kienet titrattah u kemm kienet dominanti fuqu.

Ghalhekk fuq bazi ta' probabilita' l-Qorti qed tikkonkludi li l-attur ikkommetta adulterju u jikkoabita ma' mara ohra. Pero' l-Qorti ma tqis fondata l-allegazzjoni tal-konvenuta illi l-attur abbanduna d-dar matrimonjali. Il-hajja gewwa d-dar matrimonjali biz-zewg partijiet jghixu taht l-istess saqaf kienet saret intollerabbli u dan ghal numru ta' snin. It-tnejn jammettu illi kienu jillatikaw hafna u jaqblu illi l-hajja intima ta' bejniethom kienet ilha s-snin li spiccat, ghalkemm ma jaqblux dwar x'wassal ghal dik is-sitwazzjoni.

Huwa evidenti illi l-karattri tal-partijiet huma dijametrikament opposti u sostanzjalment inkompatibbli. Ghal snin twal ma kienx hemm animu matrimonjali bejniethom. L-attur jallega li l-konvenuta kienet dominanti u ma tinvolvih f'xejn u tikkontrolla kollox sahansitra l-paga tieghu. Mill-banda l-ohra l-konvenuta tallega li l-attur ma kien jinteressa ruhu f'xejn u kien ihalli kollox f'idejn il-konvenuta. Il-konvenuta tallega li dan kien rizultat ta' nuqqas ta' edukazzjoni da parti tal-attur filwaqt li l-attur jallega li dan kien rizultat tal-karattru dominanti tal-konvenuta. .

Minn ezami tal-provi prodotti il-Qorti qed tikkonkludi illi ghal snin twal il-konvenuta kienet titratta lill-attur bhala persuna inferjuri ghaliha u ma kenitx tistmah ta' zewgha. Kienet titrattah bhala esseri inferjuri ghaliha. Il-Qorti ssib l-agir u l-komportament tal-konvenuta fil-konfront tal-attur jammonta ghal vjolenza morali, sevizzi u ingurji gravi u ghalhekk hi ukoll tahti ghat-tkissir taz-zwieg.

Minn ezami tal-provi mressqa l-Qorti hi tal-fehma illi z-zwieg tal-partijiet kien ilu snin li tkisser qabel ma gew intavolati l-proceduri odjerni. Hija l-fehma tal-Qorti illi ghat-tkissir taz-zwieg jahtu iz-zewg partijiet, il-konvenuta minhabba vjolenza morali, sevizzi u ingurji gravi fil-konfront tal-attur u l-attur minhabba adulterju.

**Komunjoni tal-Akkwisti u Beni Parafernali**.

Il-konvenuta tallega illi l-fond immobiljari fiz-Zejtun inxtara b'fondi parafernali li inghataw minn missierha. Il-konvenut min-naha tieghu jallega illi missier il-konvenuta hareg il-flus sabiex iz-zewg partijiet flimkien jixtru fond immobiljari li gia' kienu jirrisjedu fih bhala familja b'titolu ta' kera minghand il-Gvern. Zewg posizzjonijiet kontrastanti u irrikonciljabbli.

In-tema legali fir-rigward ta' apprezzament ta' provi l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' April 2007 fl-ismijiet **"Joseph Tonna vs Philip Azzopardi":**

"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:

a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.

b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;

c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *iuxta allegata et probata,* u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;

d) il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi

probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita’, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta’ revizjoni – Ara b’ezempju Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco – App. 30 ta’ Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)".

Applikati dawn il-principji ghal kaz in ezami il-Qorti hi tal-fehma illi meta missier il-konvenuta hareg il-flus sabiex inxtara l-fond taz-Zejtun, ghadda l-flus lill-konvenuta esklussivament u mhux liz-zewg partijiet flimkien. Jirrizulta illi l-attur ma kienx iqis li dawn il-flus li hareg missier il-konvenuta kienu jappartjenu lilu wkoll tant illi meta inbiegh eventwalment dak il-post taz-Zejtun il-flus inzammu esklussivament mill-konvenuta nonostante li tali rikavat kien jappartjeni l-komunjoni tal-akkwisti. Jirrizulta wkoll illi kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur, huwa kien jaf illi l-post ta' Haz-Zabbar kien ser jinxtara mir-rikavat tal-bejgh tal-fond taz-Zejtun u li kien ser jinxtara direttament f'isem iz-zewg ulied tal-partijiet. Il-Qorti ma temminx il-verzjoni tal-attur illi ghalkemm kien jaf li martu u uliedu kienu sejrin ghand in-nutar huwa ma kienx jaf martu u uliedu x'kienu sejrin jaghmlu. Mhux verosimili illi ma kienx jaf li sejrin jixtru proprjeta' meta ammetta li kien jaf li sejrin ghand Nutar tant li xhed li ma marx maghhom ghaliex martu qaltlu li m'ghandux ghalfejn imur.

Il-fatt illi wara li l-fond ta' Haz-Zabbar inxtara f'isem it-tfal, l-attur ghamel ta' lanqas tlett snin jghix f'tali fond meta kien jaf li ma inxtarax f'ismu huwa prova, almenu sal-livell ta' probabilita', illi l-attur kien jaf li l-fond inxtara mill-fondi li rcevew mill- bejgh tal-fond taz-Zejtun u li kien inxtara f'isem l-ulied. Tant hu hekk li l-istess attur jixhed kif f'dawk is-snin martu kienet tghidlu li hemm m'ghandu xejn.

Ghalhekk mhux minnu dak li xhed l-attur illi kien biss matul din il-kawza li sar jaf li l-post ta' Haz-Zabbar inxtara f'isem it-tfal u mhux f'ismu u martu.

Fil-kawza odjerna l-attur qed jitlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallsu somma ekwivalenti ghal nofs ir-rikavat tal-prezz tal-bejgh tal-post taz-Zejtun. Il-Qorti ma tqisx li tali talba hija fondata. Kif deciz supra, il-Qorti hi tal-fehma illi l-attur kien konsapevoli illi l-fond ta' Haz-Zabbar kien ser jinxtara permezz tal-fondi li l-partijiet ircevew meta bieghu il-fond taz-Zejtun.

Irid ukoll jinghad illi ghandu mis-sewwa dak li jsostni l-attur illi r-rikavat mill-bejgh tal-fond taz-Zejtun jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti,

Ghalkemm l-attur qed jitlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallsu nofs l-ammont tar-rikavat mill-fond taz-Zejtu, tali talba wkoll mhiex fondata u dan ghaliex jirrizulta mill-provi illi l-attur kien jaf li dawk il-flus kienu ser jintuzaw sabiex jinxtara l-fond ta' Haz-Zabbar u li allura ma baqghux fil-pussess tal-konvenuta. Dan, fil-fehma tal-Qorti, sar bil-kunsens tal-attur ghaliex kien jaf li martu kienet ser tuza r-rikavat tal-bejgh tal-fond taz-Zejtun sabiex jinxtara l-fond ta' Haz-Zabbar f'isem iz-zewg ulied.

Tenut kont li bejn l-attur fuq naha u uliedu u terzi fuq in-naha l-ohra hemm kawza pendenti fejn l-attur odjern qed jattakka l-imsemmi kuntratt, il-Qorti qed thalli impregudikata l-pretensjoni tal-attur fir-rigward tal-fond ta' Haz-Zabbar kif ukoll fir-rigward tal-flus li inhargu sabiex inxtara l-istess fond immobiljarji f'isem iz-zewg ulied.

Mill-atti processwali ma jirrizultaw l-ebda assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti.

**DEKADENZA - ARTIKOLU 48**.

**Artikolu 48 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

“(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b’donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(ċ) kull jedd ta’ parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall- finijiet ta’ dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta’ waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b’kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f’kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (ċ) ta’ dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk l-istess ħwejjeġ qabel ma s-seħntenza tal-firda tkun ġiet imniżżl a fir-Reġistru Pubbliku.”

Tenut kont li l-attur qed jinstab responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg minhabba adulterju il-Qorti qed tikkommina kontra l-attur il-penalitajiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-konfront tal-mara, tenut kont il-persistenza u d-durata fuq medda twila tas-snin tal-vjolenza morali, sevizzi u ingurji gravi li kkommettiet fil-konfront tal-attur, il-Qorti qed tuza d-diskrezzjoni taghha u tikkommina kontra l-konvenuta l-penalitajiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 fuq citat u dan bis-sahha tal-Artikolu 51 tal-Kap. 16.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeciedi t-talbiet attrici u dawk rikonvenzjonali, u tiddisponi mill-eccezzjonijiet imressqa mill-partijiet konformement ma' dak hawn deciz bil-mod segwenti.

1 Tilqa' in parte l-ewwel talba attrici u in parte l-ewwel talba rikonvenzjonali, tiddikjara s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet, u tiddikjara illi ghat-tkissir taz-zwieg jahtu z-zewg partijiet.

2. Tilqa' t-tieni, it-tielet u r-raba' talba attrici u t-tieni, t-tielet u r-raba' talba rikonvenzjonali.

3. Tilqa' in parte l-hames talba attrici u in parte l-hames talba rikonvenzjonali, u tiddikjara illi sal-jum ta' din is-sentenza ma hemmx assi x'jigu likwidati u divizi bejn il-partijiet, filwaqt li jibqghu impregudikati l-pretensjonijiet tal-partijiet fir-rigward tal-fond ta' Haz-Zabbar mertu ta' kawza pendenti kif fuq spjegat.

4. Tichad is-sitt talba attrici u s-sitt talba rikonvenzjonali.

5. Tilqa' s-seba' talba attrici.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**